MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 3/2007

Kawza fil-lista: 24

**A B f' isimha proprju**
**u f' isem il-minuri C D**
**vs**
**E D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-esponenti kellha relazzjoni ma' l-intimat madwar ghaxar snin ilu u minn din ir-relazzjoni twieled tifel li jismu C u twieled fis-16/2/1996 u dan skond l-anness dokument certifikat tat-twelid Dok. A;

Illi l-minuri igib il-kunjom ta' missieru u fil-fatt jismu C D;

Illi hemm bzonn li jigi stabbilit manteniment xieraq ghall-minuri stante li l-missier m’ huwiex qieghed jaghti ebda manteniment ghall-bzonnijiet tieghu;

Ghaldaqstat l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiffissa manteniment xieraq ghall-istess minuri li ghandu jhallasha l-konvenut u li tinqata direttament mill-paga;

2. Tikkundanna lil konvenut ihallas dan l-ammont ta’ manteniment hekk stabbilit.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut irrisponda:

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li huwa dejjem qabel li jhallas manteniment ghal ibnu minuri kif fil-fatt fil-passat kien jhallas manteniment  mhux biss ghal ibnu izda sahansitra ghal oht ibnu minn ragel iehor bl-isem ta’ Anastasia, u dana ghal diversi snin.

2. Illi l-kuntatt bejn il-kontendenti inqata’ minhabba pika bla sens u esagerata da parti tar-rikorrenti fejn ghal dawn l-ahhar snin cahdet l-access lill-eccipjenti ghal istess ibnu minuri, u minkejja li hemm digrieti tal-Qorti dwar l-access, ir-rikorrenti dejjem taht skuza jew ohra ghamlitha difficli ghar-rikorrent sabiex jezercita l-access ghal ibnu.

3. Illi fil-fatt l-kontendenti kienu gja lahqu ftehim bonarju bejniethom skond l-anness abbozz, izda llum ir-rikorrenti qieghda biss ghall-pika tichad li jigi esegwit dan l-ftehim, inkluzi f’ dan il-ftehim ukoll l-access.

4. Illi bla pregudizzju ghall-premess l-eccipjent jirrileva li huwa ghandu ukoll dejn mal-bank li qieghed jhallas, kif ukoll qieghed jipprepara sabiex jizzewweg, u filwaqt li huwa jifhem li ghandu l-obbligu tal-manteniment fil-konfront ta’ ibnu, r-rikorrenti li tahdem ukoll u tircievi fl-istess waqt l-ghajnuna socjali minghand l-Gvern ghandha ukoll l-obbligu li tikkontribwixxi ghall-manteniment tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob lil din il-qorti li tiffissa, u tikkundanna lill-konvenut ihallas manteniment xieraq ghal binhom C li twieled minn relazzjoni ta' bejniethom fis-16 ta' Frar 1996 u li ghalhekk illum ghandu 13-il sena.

Minn naha tieghu l-konvenut jaccetta li ghandu jhallas lill-attrici manteniment ghal binhom, izda ma hemmx qbil dwar il-quantum, anke tenut kont tal-fatt li ma hemm xejn x' impedixxi lill-attrici li tahdem bi qligh u b' hekk tikkontribwixxi hi wkoll ghal manteniment ta' binhom.

**Il-Fatti**

Illi minn relazzjoni ta' bejn il-partijiet twieled it-tifel C li llum ghandu 13-il sena. Dan jghix ma' l-attrici li ghandha l-kura u kustodja tieghu, b' access favur il-missier. Jirrizulta li kien hemm xi zmien meta l-konvenut kien jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' ibnu, izda dan waqaf li jaghmel hekk meta nqalghu problemi rigward l-access tieghu ghal ibnu. Il-konvenut jammetti li ghal zmien twil huwa ma kienx ikkontribwixxi ghall-ispejjez ta' ibnu bil-konsegwenza li dawn waqghu kollha fuq l-attrici li tghix bl-assistenza socjali.

Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenut ghandu ntrojtu nett ta' €720 fix-xahar, u ghandu dejn mal-HSBC u mal-BOV ta' €1,345 u €3,293 rispettivament. Ghandu kont savings mal-BOV li fl-10 ta' Mejju 2008 juri bilanc ta' €95.20. Il-konvenut jghid li fis-sajf tas-sena 2008 huwa kellu jizzewweg u kien bi hsiebu jmur jghix f' appartament bil-kera ma' l-allura mara tieghu.

Illi minn naha ta' l-attrici jirrizulta li, minkejja li dina ghandha 36 sena, u minkejja li t-tifel ghandu 13-il sena u

ghalhekk ta' eta' li taghtih grad ta' indipendenza, hija ma tahdimx u tghix minn fuq l-assistenza socjali. Mill-atti ma jirrizultax li dina ghandha x' jimpediha milli tmur tahdem u tikkontribwixxi hi wkoll ghall-manteniment ta' binhom. Fix-xhieda taghha tghid: "Matul il-gurnata jiena nwassal lit-tfal l-iskola, ninzel ghandu ommi u li jkollhom bzonn naghmlu, imbaghad nitla' d-dar."[1]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi z-zewg principji legali bazici li jigvernaw dan il-kaz huma dawk kontemplati fl-artikoli 7[1] u 20 tal-Kap.16, u cioe' li l-obbligu tal-manteniment ta' l-ulied jaqa' fuq <u>iz-zewg genituri</u>, u li l-quantum tal-manteniment "ghandu jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih" skond il-kriterji stipulati fis-sub incizi [2] sa [5] ta' l-istess artikolu 20.

Illi fil-kaz in dizamina, kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut ghandhom l-obbligu li jikkontribwixxu ghall-manteniment ta' binhom C.

Ferm il-premess, il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha, hija tal-fehema li l-kontribut li l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici ghall-manteniment ta' binhom C ghandu jkun ta' €140 kull erba gimghat; oltre, nofs l-spejjez ta' natura straordinarja rigwardanti s-sahha tal-minuri li ghandhom jigu mhallsa mill-konvenut kontra d-debita ricevuta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici, bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment ta' binhom C, s-somma ta' mija u erbghin ewro [€140] kull erba' gimghat, liema ammont ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut. Inoltre il-konvenut ghandu jhallas, nofs l-spejjez ta' natura straordinarja rigwardanti s-sahha tal-minuri kontra d-debita ricevuta.

L-ispejjez ghandhom jkunu a kariku tal-konvenut.

[1] Dep. Fol.76 *et seq.*

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------